MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

## ONOR. IMHALLEF
## TONIO MALLIA

Seduta ta' l-4 ta' April, 2006

Citazzjoni Numru. 942/2005

**Avukat Peter Fenech ghan-nom u *in rapprezentanza* tas-socjeta' estera *Caterpillar Inc***

**vs**

**Dr. Tonio Azzopardi u PL Liliana Buhagiar gew nominati b'digriet tal-Qorti tat-28 ta' Ottubru, 2005, bhala Kuraturi Deputati sabiex jirrapresentaw lis-socjeta' estera *A & F General Company Limited* u *Alrasheed Tasharukie***

Il-Qorti:

Rat l-att tac-citazzjoni ppresentata mill-attur *nomine* fis-6 ta' Ottubru, 2005, li *in forza* taghha, wara li ppremetta illi:

L-attur *nomine* huwa l-proprjetarju tad-drittijiet registrati bhala *Trademarks* ma' l-*'Office for Harmonisation in the*

*Internal Market'* tal-Komunita' Ewropea msejjha *'CATERPILLAR'* u *'CAT'*, liema drittijiet gew registrati l-ewwel darba fit-28 ta' Jannar, 1999 u moghtija n-numru ta' registrazzjoni *CTM 1062892* u *CTM 1063296* rispettivament;

Fit-tletin (30) ta' Awissu, tas-sena elfejn u erba' (2005) gewwa l-Port Hieles, Marsaxlokk, Malta dahal *container* bin-numru *ECMU 9124102* fuq il-vapur *CMA-CGM VERDI* liema *container* kien fih tlett elef u sitt mitt (3600) *tshirts* kollha tal-marka *CAT*, li l-attur *nomine* kien issuspetta li kienu foloz;

Mill-kampjuni li ttiehdu mill-attur *nomine* jirrizulta li t-*tshirts* kienu gew manifatturati u esportati minghajr l-awtorizzazzjoni ta' *CATERPILLAR INC*, u li l-imsemmija *trademarks* ta' *CATERPILLAR INC*. riprodotti fuq l-ippakkeggjar tat-*tshirts* kienu foloz;

L-attur *nomine* talab lill-Kontrollur tad-Dwana sabiex jiddetjeni l-merkanzija suspettata gewwa Malta (Dok CAT 1) sabiex *a tenur* ta' l-artikolu 7 tal-Kapitolu 414 tal-Ligijiet ta' Malta huwa jipprocedi civilment ghad-decizjoni dwar in-natura tal-merkanzija detenuta;

Din il-merkanzija inqabbdet mill-Port Hieles ta' Malta u l-Kontrollur tad-Dwana jaf biss li s-*shipper* tal-merkanzija huwa *A & F General Company Limited* mic-*China* u l-kunsinjatarju huwa *Alrasheed Tasharukie* minn *Benghazi* l-*Libja* dan skond dak citat fil-Polza tat-Taghbija li ggib in-numru *TJN134169* (Dok CAT 2);

Talbu lill-kuraturi deputati jghidu ghaliex din l-Onorabbli Qorti m'ghandhiex:

1. Tiddikjara u tiddeciedi illi l-konsenja ta' *tshirts* tal-marka *'CAT'* misjuba fil-*container* numru *ECMU 9124102* li wasal fil-Port Hieles, Marsaxlokk fuq il-vapur *CMA CGM VERDI*, huma foloz, u dan okkorrendo bin-nomina ta' esperti nominati ghal dan il-fini;

2. Tiddikjara li l-manufatturar u l-produzzjoni ta' dawn t-*tshirts* minn terzi persuni mhux maghrufa, jilledi d-drittijiet ta' l-attur *nomine* bhala proprjetarju registrat, skon il-Ligi, tal-marki *'CATERPILLAR'* u *'CAT'*.

3. Tordna lill-Kontrollur tad-Dwana u l-Pulizija Ezekuttiva jew min minnhom sabiex fil-prezenza ta' l-attur *nomine* jew rapprezentanti tieghu, jiddistruggu *a spejjez* tal-konvenuti t-*tshirts* fi zmien qasir u perentorju li joghgobha tiffissa l-Qorti.

Bl-ispejjez, komprizi interessi fuq id-depozitu necessarju sabiex il-merkanzija inzammet Malta mill-Kontrollur tad-Dwana, l-ispejjez sabiex il-*container* u l-merkanzija jinzammew mill-istess Dipartiment tad-Dwana, l-ispejjez dovuti *in konnessjoni* ma' l-eliminazzjoni tal-merkanzija falza kontra l-konvenut li minn issa huwa ngunt ghas-subizzjoni.

Rat id-dikjarazzjoni guramentata tal-attur;

Rat id-digriet ta' din il-Qorti tat-28 ta' Ottubru, 2005, li *in forza* tieghu inhatru Dr. Tonio Azzopardi u l-Prokuratur Legali Liliana Buhagiar bhala kuraturi sabiex jirrapprezentaw lill-kumpaniji konvenuti ghall-finijiet kollha tal-ligi;

Rat in-nota tal-eccezzjonijiet tal-konvenuti kuraturi li *in forza* taghha ecepew illi m'humiex edotti mill-fatti tal-kawza, u ghalhekk qieghdin jirriservaw id-dritt li jissollevaw l-eccezzjonijiet taghhom fi stadju ulterjuri;

Rat id-dikjarazzjoni guramentata annessa;

Rat li ma giet sollevata ebda eccezzjoni ulterjuri;

Rat l-atti tal-kawza u d-dokumenti esebiti;

Rat l-affidavits imressqa bhala provi;

Semghet lid-difensuri tal-partijiet;

Rat li l-kawza thalliet ghal-lum ghas-sentenza;

Ikkunsidrat;

Irrizulta li Dr. Peter Fenech huwa rappresentant tas-socjeta' *Caterpillar Inc,* ta' Illinois, Stati Uniti tal-Amerika, ghal dak li jirrigwarda l-marki u l-protezzjoni tal-marki taghha gewwa Malta. Kienu gew avzati li ser tidhol Malta konsenja ta' *tee-shirts* mic-Cina abbord il-vapur *MV "CMA-CGM VERDI"* gewwa *container* numru *ECMU 9124102*, u f'isem il-kumpanija attrici l-attur kien talab lill-Kontrollur tad-Dwana jzomm il-konsenja u jaghtihom kampjuni biex jibghatuhom lir-rapprezentanti ta' *Caterpillar* gewwa 'l Stati Uniti tal-Amerika biex jannalizzawhom u jaraw jekk humiex foloz u genwini. Sabu li kienu foloz u saret talba biex il-konsenja tigi mizmuma, u din fil-fatt giet mizmuma l-*customs bond* tad-Dwana. Dawn il-fatti gew konfermati wkoll minn George Agius li huwa *inspector*, *Customs Enforcement Unit* li semma li fit-30 ta' Awissu, 2005, il-*container* imsemmi kien gie maghzul ghall-kontroll fiziku. Ikkonferma li kienu ttiehdu kampjuni biex jigu analizzati. Provi mill-konvenuti ma sarux. Fid-dokument esebit *a fol.* 12 tal-process hemm id-dikjarazzjoni ta' David J. Bianchi, *Intellectual Property Counsel* tad-ditta attrici, li fiha jinghad *"that the samples are not original Caterpillar articles"*; fl-istess stqarrija jispjega wkoll kif u ghalhiex kien jirrizultalu li l-konsenja kienet ta' prodotti foloz.

It-talba attrici m'hi b'ebda mod kontradetta.

Illi meta jitqiesu l-fatti fuq imsemmija ma' dak li tipprovdi l-ligi, jinstiltu l-konkluzjonijiet li gejjin:

a. il-kumpanija attrici hija detentrici ta' dritt li ghalih japplika l-Att VIII tal-2000, u dan kif imfisser fl-artikolu 2 tieghu;

b. illi l-oggetti mnizzla l-art f'Malta ma kellhomx marka li saret bil-kunsens tal-kumpannija attrici u lanqas jidher li gew manufatturati bil-kunsens taghha, u dan ghall-finijiet tal-artikolu 3 tal-imsemmi Att;

c. li d-dhul tal-imsemmija oggetti huwa projbit, la darba jikser il-jeddijiet tal-kumpanija attrici;

d. jidher li l-kumpannija attrici wettqet ukoll l-obbligi taghha dwar it-taghrif moghti lill-awtoritajiet kompetenti f'Malta ghall-finijiet tal-artikolu 5 tal-Att;

e. it-talba tal-kumpannija attrici biex il-konsenja ta' oggetti *in kwistjoni* tigi meqruda hija wahda mill-effetti li l-ligi tahseb ghalihom dwar id-dhul f'Malta ta' hwejjeg falsifikati li jiksru l-jeddijiet ta' proprjeta', intellettwali ta' xi persuna, kif imfissra fl-artikolu 2 tal-Att; u

f. il-falsita' tal-imsemmija hwejjeg tinsab ippruvata fi grad tekniku bizzejjed, u ammissibbli fil-ligi, li l-Qorti ma thossx il-htiega li tahtar espert biex jaghmel kontatazzjonijiet ohrajn, minghajr ma tkun qeghda b'hekk izzid l-ispejjez inutilment;

Illi ghalhekk il-Qorti ssib li l-attur *nomine* wera tajjeb bizzejjed li l-kumpannija attrici kellha ragun temmen li l-abbiljamenti ta' hwejjeg *in kwistjoni* (konsistenti fi 3600 *tee-shirts*) ddahhlu f'Malta kif fuq inghad kienu jiksru l-jeddijiet intellettwali taghha kif imharsin minn qabel mill-awtoritajiet Maltin, u li l-helsien taghhom mill-Kontrollur tad-Dwana jkun ifisser telf finanzjarju kbir li ma jkunx hafif ghaliha li taghmel tajjeb ghalih jekk mhux biz-zamma ghal dejjem taghhom jew bil-qerda taghhom, ukoll jekk kien mahsub li l-ahhar destinazzjoni kienet sejra tkun f'pajjiz iehor barra minn Malta.

Ghaldaqstant, ghar-ragunijiet premessi, tiddisponi mill-kawza billi tilqa' t-talbiet attrici kif dedotti, b'dan li ghal fini tat-tielet talba tipprefiggi terminu ta' hmistax-il gurnata tax-xoghol mil-lum sabiex il-Kontrollur tad-Dwana jiddistruggi l-abbiljamenti tal-hwejjeg *in kwistjoni*.

Bl-ispejjez kontra s-socjeta' konvenuta, b'dan li provizorjament id-drittijiet tal-kuraturi ghandhom jithallsu mill-attur *nomine*.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------